**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carol Fabri)**

**Vs**

**Maria Anna Camilleri**

**Kaz Nru: 1156/2013**

**Illum 5 ta' Ottubru 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Maria Anna Camilleri ta' 47 sena bint Joseph u Giovanna k/a Jane xebba Azzopardi, imwielda Pieta', fil-15 ta' Dicembru 1965 u toqghod Ocean, Flat 2, Dawret il-Qalb Imqaddsa, Birzebbugia, detentrici tal-karta tal-identita' numru 55566(M) talli:

1. Fit-13 ta' Settembru, 2013 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghaxija f'dawn il-Gzejjer, volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamlet hsara fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBV 965 tal-marka Mitsubishi Colt, ghad-dannu ta' Charles Brincat, liema ammont tal-hsara ma jkunx jiskorri elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma jkun izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47).

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata qeghda tigi akkuzata li fit-13 ta' Settembru 2013 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghaxija volontarjament ikkagunat hsara fuq il-vettura tal-parte civile Charles Brincat.

Illi mill-atti jirrizulta li l-imputata u Charles Brincat kienu f'relazzjoni ghal xi sena u nofs. Biss, l-imputata ma hassithiex aktar komda f'din ir-relazzjoni billi huwa kien ragel mizzewweg. Ghalhekk iddecidiet u gharfitu li kienet qeghda ttemm din ir-relazzjoni. Jirrizulta wkoll li matul din ir-relazzjoni f'xi zmien Charles Brincat kien anki jahdem fuq l-istess post tax-xoghol ta' l-imputata li huwa restaurant.

Illi mill-atti jirrizulta li Charles Brincat ma kienx kuntent bid-decizjoni tat-temm tar-relazzjoni mehuda mill-imputata. Ghalhekk bdew il-messaggi fuq il-mowbajl taghha, tat-tifla u sahansitra fuq ta' omm l-imputata li hija mara anzjana. F'dawn il-messaggi, hekk kif tixhed l-imputata u bintha, kien hemm kliem ingurjuz u mhux xieraq. Oltre' dan beda l-insegwiment min-naha ta' Brincat fil-konfront ta' l-imputata. Brincat jichad dan kollu izda din il-Qorti temmen il-versjoni moghtija mill-imputata meta xehdet viva voce quddiemha li kienet ukoll konsistenti mal-istqarrija minnha rilaxxjata. Oltre' dan, il-Qorti setghet ukoll tasal ghal din il-konkluzjoni anki mix-xhieda ta' bint l-imputata. Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' WPC228 Marianne Scicluna[1] li fit-12 ta' Settembru 2013 (qabel id-data tal-incident odjern) l-imputata marret tirrapporta li kienet qeghda tircievi diversi messaggi fuq diversi granet u tathom ukoll il-mowbajl minn fejn kienet qeghda tircevihom u kellha s-suspett li kien Brincat billi kienet temmet ir-relazzjoni taghhom. Hija kienet irrapportat ukoll li fis-7 ta' Settembru 2013 Brincat beda jsegwiha bil-lejl meta hija kienet fi triqitha lejn darha. Dan rega' sehh l-ghada meta din id-darba hija kienet akkumpanjata minn bintha.

Illi jirrizulta wkoll li fit-13 ta' Settembru 2013 l-imputata spiccat mix-xoghol tard filghaxija u malli waslet id-dat ghamlet tazza te' u harget

[1] Stazzjonata fl-Ghassa taz-Zurrieq

tpejjep sigarett fil-gallarija. Dak il-hin hija rat il-vettura ta' Charles Brincat ghaddejja u qabdet *ashtray* u waddbitha ghal fuq il-vettura. L-imputata tammetti dan kollu fl-istqarrija. Hija tghid li haditu fil-bieba tal-passiggier. Dak il-hin stess hija nizlet l-ghassa ta' Birzebbugia taghmel rapport u qaltilhom li waddbet *ashtray* fuq karozza u wara baqghet sejra fejn hemm il-hanut St George's Bar u rat lil Brincat jixrob wahdu u hija baqghet sejra d-dar.

Illi ghalhekk jirrizulta li effettivament l-imputata waddbet oggett iebes lejn il-karozza ta' Charles Brincat (gie ippruvat fl-atti li l-karozza tappartjeni lilu) u laqtet il-bieba tan-naha tal-passiggier.

Illi inkwantu ghall-ammont tal-hsara kagunata Charles Brincat xehed li dakinhar kien ghaddej minn Birzebbugia xil-hdax u kwart ta' filghaxija u f'daqqa wahda hass il-karozza bhal li kieku tajjar lil xi hadd jew laqghat xi haga. Bid-daqqa li hadet il-karozza, kaxkar il-genb tal-karozza mat-trailers tad-dghajjes li kien hemm. Waqaf, ra li ma tajjar lil hadd, baqa' sejjer u mar f'bar biex jiehu grokk minhabba x-xokk. Xi kwarta wara ra lill-imputata thares lejh mill-vicin. L-ghada filghodu hares lejn il-karozza, mar ix-xoghol u wiehed mill-wejters gibidlu l-attenzjoni li kellu daqqa. Huwa esebixxa diversi ritratti. Brincat jixhed li jaf li l-imputata wadbitlu xi haga ghaliex ammettiet hija. Huwa xehed li mar biex issirlu stima, liema stima giet prezentata fl-atti.

Illi din il-Qorti inkwantu ghall-hsara filwaqt li tqis li gie ppruvat li l-imputata kkagunat hsara fil-vettura ta' Brincat u dan kif ammettiet hija stess, madankollu ma tqisx kredibbli l-versjoni ta' l-istess Brincat meta jixhed li b'konsegwenza tad-daqqa huwa kaxkar il-genb tal-karozza mat-trailers tad-dghajjes. Jirrizulta li huwa fil-fatt lanqas induna x'gara. Kieku l-imputata ma marritx taghmel ir-rapport Brincat m'ghamel l-ebda rapport. Jigi nnutat ukoll li huwa rrapporta wara li l-Pulizija cemplulu u ffaccjawh bl-allegazzjoni tal-imputata li kien qieghed isegwiha u nfurmawh li kienet garatlu *ashtray*. Din il-Qorti tqis ferm inverosimili l-versjoni li persuna tidhol fi trailers, tkaxkar genb, ma tindunax li sofriet danni, ma taghmilx rapport, izda minflok tmur tiehu grokk!

Inkwantu ghall-ammont tal-hsara kagonata giet prezentata stima. Il-persuna li hejjiet l-istima datata 17 ta' Settembru 2013 ossija Brian Vella kkonferma li huwa ra l-karozza Mitsubishi Colt u meta ra r-

ritratti ezebiti kkonferma li l-istima tal-hsara tirrigwarda biss ix-xoghol ta' l-id u mhux ukoll il-parts ghaliex huwa ma jgibx il-parts. Huwa kkonferma li jehtieg li l-bieba trid tinbidel u l-bumper ta' wara wkoll. Naturlament is-sur Vella ma kienx prezenti waqt l-incident u huwa ta stima skont kif indikat lilu mill-parte civile. Kif diga' inghad, il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni biss id-daqqa fuq il-bieba. Inkwantu ghal mod kif jigi determinat l-ammont ta' hsara kagonata referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Zahra** deciza fl-24 ta' Frar 2003. Il-Qorti qalet:

**"L-istima ... hija opinjoni *ex parte* u mhux ta' perit nominat mill-qorti. Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta' l-Artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali (moqri ma' l-Artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara."**

Fil-fehma tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhix tipprova sal-grad rikjest mil-ligi l-ammont tal-hsara effettiv li gie kkagunat. Biss pero' jirrizulta li hsara giet kagunata kwindi ir-reat ipotizzat irid jitqieghed fil-parametri tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali u mhux fil-paragrafu (b), cioe` fejn il-valur tal-hsara ma jkunx jiskorri tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29).

Illi d-difiza waqt it-trattazzjoni taghha ssottomettiet li l-imputata waddbet l-*ashtray* minhabba l-agitazzjoni tal-mohh kawza tal-insegwiment u atteggjament ta' Brincat u hija ma felhitx aktar. In verita' l-ligi nnifisha tikkontempla temperament tal-piena taht l-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali meta jkun hemm provokazzjoni ingusta.

Din il-Qorti pero' ma tqisx li dan il-proviso ghandu jsib l-applikazzjoni tieghu f'dan il-kaz. Tinnota li l-imputata kienet f'darha w allura kienet sigura, anki jekk Brincat ghadda minn quddiemha bi skop u li dan kien ghamel hekk ukoll fil-granet ta' qabel, proprju bhal

ma ghamlet fil-granet ta' qabel, kellha tmur taghmel rapport l-Ghassa u mhux tiehu l-ligi b'idejha.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti tqis in-natura tar-reati, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-fedina penali netta ta' l-imputata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ssib lill-imputata hatja li kkagunat hsara volontarja a tenur ta' l-artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet izda u mhux taht l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma twettaqx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur.

Il-Qorti spjegat lill-imputata bil-konsegwenzi jekk twettaq reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat